# Il-Ħadd 06.03.2016

1. Illum 06/03, **ir-Raba' Ħadd tar-Randan**:
   - Tul dawn l-aħħar jiem tar-Randan ser jitqiegħdu qfif madwar l-altar biex inġibu affarijiet li wara jingħataw lis-Segretarjat Assistenza Soċjali tal-Azzjoni Kattolika biex b'ġest ta' Karità u għajnuna jingħataw lill-persuni fil-bżonn.
   - Jekk ikollkom ukoll xi ħwejjeġ li għadhom fi stat tajjeb, imma li mhux bi ħsiebkom tibqgħu tużaw, nitolbu li jinġiebu għand is-Sorijiet Dumnikani biex ikunu jistgħu jingħataw lil xi persuni li jistgħu jiġu bżonnhom.
2. t-Tnejn 07/03:
   - Fil-4:45pm, fil-knisja parrokkjali, niċċelebraw l-Ewwel Qrara għat-Tfal li fit-22/05 ser jiċċelebraw l-Ewwel Tqarbina.
   - Mit-8:00pm sal-10:00pm: *'Les Miserables'*: It-tieni u l-aħħar parti tal-film u diskussjoni li għalih huma mistednin b'mod speċjali ż-Żgħażagħ biex ikompli jgħinna nirriflettu dwar il-Fidi u l-Ħniena. Niltaqgħu fis-Sala tal-Kunsill Lokali.
3. It-Tlieta 08/03 u l-Ħamis 10/03:
   - Mis-7:00pm sas-7:30pm: It-3 u r-4 laqgħa tal-Eżerċizzi għal Kulħadd fil-knisja.
4. Il-Ġimgħa 11/03:
   - Dun Karm Zammit, saċerdot mill-parroċċa tagħna li bħalissa qiegħed id-Dar tal-Kleru f'Birkirkara, jiċċelebra id-49 sena minn mindu sar saċerdot (11/03/1967). Nifirħulu u nawgurawlu.
   - Mis-6:30pm sas-7:30pm ser issir Quddiesa u Mument ta' Adorazzjoni tas-Salib, b'kant u talb stil Taizè, bħala l-aħħar laqgħa tal-Eżerċizzi għal Kulħadd u li għaliha huma mistiedna wkoll iż-żgħażagħ.
5. Is-Sibt 12/03:
   - Mid-9:00am sal-10:00pm – Jum Seminar għall-koppji miżżewġa, b'talb, il-film ***Fireproof***, diskussjoni, ħinijiet ta' riflessjoni, ikel u mistrieħ fiċ-Ċentru għall-Konferenzi tad-Dar Ħanin Samaritan f'Santa Venera. Min bi ħsiebu jattendi jinforma lill-Kappillan jew lil xi ħadd mill-kummissjoni Familja sa nhar it-Tlieta (08/03) biex isiru l-preparamenti meħtieġa. Ikun hemm min jieħu ħsieb lit-Tfal.
   - Fid-9:00pm tibda quddiesa u laqgħa ta' talb għall-qdusija tal-kleru li tispiċċa fil-11:00pm. Ser issir fil-knisja parrokkjali ta' Ħal Balzan.
6. Il-Ħadd 13/03, **il-Ħames Ħadd tar-Randan**:
   - Fit-8:15am - Quddiesa bis-sehem tat-Tfal li għamlu l-Ewwel Qrara u li qed jippreparaw ruħhom għall-Ewwel Tqarbina.
   - Fuq iz-zuntier tal-knisja ser tkun qed tittella' kampanja ta' karità permezz ta' bejgħ ta' Kejkijiet b'risq Puttinu Cares ikkoordinata mill-Grupp Miżżewġin 2000.
7. L-Erbgħa 16/03: *Għal min jixtieq, speċjalment għaż-Żgħażagħ*
   - Pellegrinaġġ għas-Salib tal-Għolja: Nibdew bil-Quddiesa tas-6:30pm fil-knisja tagħna, u wara, għas-7:15pm, nitilqu lejn is-Siġġiewi fejn nitilgħu lejn is-Salib tal-Għolja waqt li nagħmlu riflessjonijiet u talb. Min bi ħsiebu jiġi jinkiteb fis-Sagristija u jara li jġib *torch*.
8. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 405 minn ħarġa li kellna. Grazzi mill-qalb.